1. Għall-għanijiet ta' dan il-kapitolu, partijiet ta' metall ta' valur baxx għandhom ikunu kklassifikati mal-oġġetti li ġejjin minnhom. Madankollu, oġġetti ta' ħadid jew azzar tal-intestaturi 7312, 7315, 7317, 7318 jew 7320, jew oġġetti simili ta' metall ieħor ta' valur baxx (Kapitoli 74 sa 76 u 78 sa 81) ma għandhomx jitqiesu bħala partijiet ta' oġġetti ta' dan il-kapitolu.

2. Għall-għanijiet tal-intestatura 8302, il-kelma "*castors*" tfisser dawk ir-roti jduru għas-saqajn ta' xi mobbli b'dijametru (inklużi, fejn ikun il-każ, tajers) mhux aktar minn 75 mm, jew dawk b'dijametru (inklużi, fejn ikun il-każ, tajers) iktar minn 75 mm sakemm il-wisa' tar-rota jew tajer imwaħħal magħhom hija inqas minn 30 mm.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8301	**Katnazzi u serraturi (imħaddmin biċ-ċwievet, bil-kumbinazzjoni jew bl-elettriku), ta' metall ta' valur baxx; qfil bil-molla u gwarniċi bil-qfil bil-molla, bis-serraturi fihom, ta' metall ta' valur baxx; ċwievet għal l-oġġetti msemmijin fuq, ta' metall ta' valur baxx:**		
8301 10 00	**– Katnazzi**	2,7	—
8301 20 00	**– Serraturi ta' tip użati għal vetturi bil-mutur**	2,7	—
8301 30 00	**– Serraturi ta' tip użati għal għamara**	2,7	—
8301 40	**– Serraturi oħrajn::**		
	– – Serraturi użati għal bibien ta' bini::		
8301 40 11	– – – Ċilindru	2,7	—
8301 40 19	– – – Oħrajn	2,7	—
8301 40 90	– – Serraturi oħrajn	2,7	—
8301 50 00	**– Qfil bil-molla u gwarniċi bil-qfil bil-molla, bis-serraturi fihom**	2,7	—
8301 60 00	**– Partijiet**	2,7	—
8301 70 00	**– Ċwievet ippreżentati separatament**	2,7	—
8302	**Fornituri, tagħmir u oġġetti simili ta' metall ta' valur baxx tajbin għal għamara, bibien, turġien, twieqi, persjani, qofsa ta' vetturi, sruġ, bagolli, sniedaq, kaxxetti jew bħalhom; dniedel tal-kpiepel, witet tal-kpiepel, brazzi u apparat ta' metall ta' valur baxx; *castors* bl-immuntar ta' metall ta' valur baxx; għeluq awtomatiċi ta' metall ta' valur baxx għal bibien:**		
8302 10 00	**– Ċappetti**	2,7	—
8302 20 00	**– *Castors***	2,7	—
8302 30 00	**– Fornituri, tagħmir u oġġetti simili oħrajn tajbin għal vetturi bil-muturi**	2,7	—
	– Fornituri, tagħmir u oġġetti simili oħrajn::		
8302 41	**– – Tajbin għal bini:**		
8302 41 10	– – – Għall-bibien	2,7	—
8302 41 50	– – – Għat-twieqi u t-twieqi Franċiżi	2,7	—
8302 41 90	– – – Oħrajn	2,7	—
8302 42 00	**– – Oħrajn, tajbin għal għamara**	2,7	—
8302 49 00	**– – Oħrajn**	2,7	—
8302 50 00	**– Dniedel tal-kpiepel, witet tal-kpiepel, brazzi u apparat simili**	2,7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8302 60 00	**– Għeluq awtomatiċi għal bibien**	2,7	—
8303 00	**Kaxxaforti, kaxxi u bibien rinfurzati u kompartimenti għal depożiti fiż-żgur għal kmamar rinfurzati (*strong rooms*), kaxxi għal flus jew għal dokumenti u bħalhom korazzati jew rinforzati, ta' metall ta' valur baxx:**		
8303 00 40	– Kaxxaforti, kaxxi u bibien rinfurzati u kompartimenti għal depożiti fiż-żgur għal kmamar rinfurzati (*strong rooms*)	2,7	—
8303 00 90	– Kaxxi għal flus jew għal dokumenti u bħalhom	2,7	—
8304 00 00	**Kabinetti għal iffajljar, kabinetti għal skedarji, trejs għal karti, serħ għal karti, trejs għal pinen, dendiela għat-timbri tal-uffiċċju u tagħmir simili għall-uffiċċju jew għall-iskrivanija, ta' metall ta' valur baxx, ħlief għamara għall-uffiċċju tal-intestatura 9403**	2,7	—
8305	**Armar għal qxur jew fajls għal folji jiġru, klipps għall-ittri, kantunieri għall-ittri, *paper-clips*, tikketti ta' indiċjar u oġġetti tal-uffiċċju simili, ta' metall ta' valur baxx; stejpils fi strixxi (pereżempju, għal uffiċċji, tapizzerija, ippakkjar), ta' metall ta' valur baxx:**		
8305 10 00	**– Armar għal qxur jew fajls għal folji jiġru**	2,7	—
8305 20 00	**– Stejpils fi strixxi**	2,7	—
8305 90 00	**– Oħrajn, inklużi partijiet**	2,7	—
8306	**Qniepen, gongi u bħalhom, mhux tal-elettriku, ta' metall ta' valur baxx; statwetti u ornamenti oħrajn, ta' metall ta' valur baxx; gwarniċi għar-ritratti, għall-istampi jew gwarniċi simili, ta' metall ta' valur baxx; mirja ta' metall ta' valur baxx:**		
8306 10 00	**– Qniepen, gongi u bħalhom**	Bla ħlas	—
	– Statwetti u ornamenti oħrajn::		
8306 21 00	**– – Miksijin b'metall prezzjuż**	Bla ħlas	—
8306 29 00	**– – Oħrajn:**	Bla ħlas	—
8306 30 00	**– Gwarniċi għar-ritratti, għall-istampi jew gwarniċi simili; mirja**	2,7	—
8307	**Tubi flessibbli ta' metall ta' valur baxx, bit-tagħmir magħhom jew le:**		
8307 10 00	**– Ta' ħadid jew azzar**	2,7	—
8307 90 00	**– Ta' metall ieħor ta' valur baxx**	2,7	—
8308	**Qfil bil-molla, gwarniċi bil-qfil bil-molla, bokkli, bokkli bil-molla, ganċijiet, kurketti, radanċi u oġġetti bħal dawn, magħmulin minn metall ta' valur baxx, ta' tip użat għall-ilbies jew għall-aċċessorji tal-ilbies, għax-xedd tas-saqajn, għall-ġojjelli, għall-arloġġi tal-idejn, għall-kotba, għat-tined, għall-oġġetti tal-ġilda, għall-oġġetti għall-ivvjaġġar jew għas-sarraġ jew għal oġġeti maħdumin oħra; rivits forma ta' tubi jew maqsumin, magħmula minn metall ta' valur baxx; żibeġ u antaċċoli magħmulin minn metall ta' valur baxx:**		
8308 10 00	**– Ganċijiet, kurketti u radanċi**	2,7	—
8308 20 00	**– Rivits tubulari jew mifruqin fi tnejn**	2,7	—
8308 90 00	**– Oħrajn, inklużi partijiet**	2,7	—
8309	**Tappijiet (inklużi tappini, tappijiet bil-kamin u tappijiet sabiex tferra'), għotjien, kapsuli għal fliexken, tappijiet bil-kamin ta' bittija/ġarra, kuperċi tat-tappijiet, siġilli u aċċessorji oħrajn għall-imballaġġ magħmula minn metalli komuni:**		
8309 10 00	**– Tappijiet bis-sufra (*crown corks*)**	2,7	—
8309 90	**– Oħrajn::**		
8309 90 10	– – Kapsuli taċ-ċomb, kapsuli tal-aluminju ta' dijametru ikbar minn 21 mm	3,7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8309 90 90	– – Oħrajn	2,7	—
8310 00 00	**Pjanċi tas-sinjali, pjanċi bl-isem, pjanċi bl-indirizz u pjanċi simili, numri, ittri u simboli oħrajn, ta' metall ta' valur baxx, ħlief dawk tal-intestatura 9405 .....**	2,7	—
8311	**Wajer, vireg, tubi, pjanċi, elettrodi u prodotti simili, ta' metall ta' valur baxx jew ta' karburi ta' metall, miksijin jew bil-qalba b'materjal li jgħin fit-tidwib (*flux*), ta' tip użat għall-istannjar, ibbrejżjar, iwweldjar jew depożizzjoni ta' metall jew ta' karburi ta' metall; wajer u vireg, ta' trab agglomerat ta' metall ta' valur baxx, użat għal sprejjar ta' metall:**		
8311 10 00	**– Elettrodi miksijin ta' metall ta' valur baxx, għal iwweldjar b'arka elettrika: ....**	2,7	—
8311 20 00	**– Wajer bil-qalba ta' metall ta' valur baxx, għal iwweldjar b'arka elettrika .....**	2,7	—
8311 30 00	**– Vireg miksijin u wajer bil-qalba, ta' metall ta' valur baxx, għall-istannjar, ibbrejżjar jew iwweldjar bi fjamma .....**	2,7	—
8311 90 00	**– Oħrajn .....**	2,7	—

TAQSIMA XVI

MAKKINARJU U GĦODOD MEKKANIĊI; APPARAT ELETTRIKU; PARTIJIET TAGĦHOM; STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U STRUMENTI LI JIRRIPRODUĊU L-ĦOSS; STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U STRUMENTI LI JIRRIPRODUĊU STAMPA U ĦOSS TELEVIŻIVI U PARTIJIET U AĊĊESSORJI TA' DAWN L-OĠĠETTI

Noti

1. Din it-taqsima ma tkoprix:

   (a) ċineg jew tagħmir ċineg tat-trasmissjoni, tal-plastik tal-Kapitolu 39, jew ta' gomma vvulkanizzata (intestatura 4010); jew oġġetti oħrajn ta' tip użat f'makkinarju jew f'apparat mekkaniku jew elettriku jew għal użi tekniċi oħrajn, ta' gomma vvulkanizzata ħlief gomma iebsa (intestatura 4016);

   (b) oġġetti ta' ġilda jew ta' ġilda artifiċjali (intestatura 4205) jew ta' fer (intestatura 4303), ta' tip użat f'makkinarju jew f'apparat mekkaniku jew għal użi tekniċi oħrajn;

   (c) bobini, irkiekel, imgħażel, koni, ċentri, imħalel jew irfid simili, ta' kwalunkwe materjal (pereżempju, il-Kapitolu 39, 40, 44 jew 48 jew it-taqsima XV);

   (d) biljetti mtaqqbin għal magni *jacquard* jew magni simili (pereżempju, il-Kapitolu 39 jew 48 jew it-taqsima XV);

   (e) ċineg jew tagħmir ċineg tat-trasmissjoni, ta' materjal ta' tessuti (intestatura 5910) jew oġġetti oħrajn ta' materjal ta' tessuti għal użi tekniċi (intestatura 5911);

   (f) ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż (naturali, sintetiku jew rikostruwit) tal-intestaturi 7102 sa 7104, jew oġġetti kollha kemm huma tal-ħaġar tal-intestatura 7116, ħlief żaffiri u djamanti maħdumin mhux ingastati għal labar tal-gramafown (*styli*) (intestatura 8522);

   (g) partijiet għal użu ġenerali, kif spjegat fin-nota 2 tat-taqsima XV, ta' metall ta' valur baxx (taqsima XV), jew oġġetti simili ta' plastiks (Kapitolu 39);

   (h) pajp għat-tħaffir (intestatura 7304);

   (ij) ċineg bla truf ta' wajer tal-metall jew strixxa (taqsima XV);

   (k) oġġetti tal-Kapitolu 82 jew 83;

   (l) oġġetti tat-taqsima XVII;

   (m) oġġetti tal-Kapitolu 90;

   (n) arloġġi, arloġġi tal-idejn jew oġġetti oħrajn tal-Kapitolu 91;

   (o) għodod li jistgħu jinbidlu bejniethom tal-intestatura8207 jew xkupilji ta' tip użati bħala partijiet ta' magni (intestatura 9603); għodod simili li jistgħu jinbidlu bejniethom għandhom ikunu kklassifikati skont il-materjal li minnu magħmula l-parti tax-xogħol (pereżempju, fil-Kapitolu 40, 42, 43, 45 jew 59 jew l-intestatura 6804 jew 6909);

   (p) oġġetti tal-Kapitolu 95; jew

   (q) żigarelli tat-tajprajters jew simili għalihom, kemm fuq l-irkiekel jew il-kartriġis kif ukoll jekk le (ikklassifikati skont il-materjal kostitwenti tagħhom, jew fl-intestatura 9612 jekk ikunu bil-linka jew b'xi mod ieħor ippreparati għall-istampar), jew monopodi, bipodi, tripodi u oġġetti simili, tal-intestatura 9620.

2. Suġġett għan-nota 1 ta' din it-taqsima, in-nota 1 tal-Kapitolu 84 u n-nota 1 tal-Kapitolu 85, partijiet ta' magni (li mhumiex bċejjeċ tal-oġġetti tal-intestatura 8484, 8544, 8545, 8546 jew 8547) għandhom ikunu kklassifikati skont dawn ir-regoli li ġejjin:

   (a) Bċejjeċ li huma oġġetti inklużi f'xi wieħed mill-intestaturi tal-Kapitolu 84 jew 85 (ħlief l-intestaturi 8409, 8431, 8448, 8466, 8473, 8487, 8503, 8522, 8529, 8538 u 8548) għandhom fil-każijiet kollha jkunu kklassifikati fl-intestaturi rispettivi tagħhom.

   (b) Bċejjeċ oħrajn, jekk tajbin għal użu biss jew prinċipalment ma' tip partikulari ta' magna, jew ma' numru ta' magni tal-istess intestatura (inkluża magna tal-intestatura 8479 jew 8543) għandhom ikunu kklassifikati mal-magni ta' dak it-tip jew fl-intestatura 8409, 8431, 8448, 8466, 8473, 8503, 8522, 8529 jew 8538 kif xieraq. Madankollu, partijiet li huma ugwalment tajbin għal użu prinċipalment mal-oġġetti tal-intestaturi 8517 u 8525 sa 8528 għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura 8517.

   (c) Il-partijiet l-oħrajn kollha għandhom ikunu kklassifikati fl-intestaturi 8409, 8431, 8448, 8466, 8473, 8503, 8522, 8529 jew 8538 kif xieraq jew, jekk le, fl-intestatura 8487 jew 8548.

3. Sakemm il-kuntest ma jesiġix mod ieħor, magni komposti magħmulin minn żewġ magni jew aktar mwaħħlin flimkien biex jagħmlu waħda u magni oħrajn maħsubin bil-għan li jagħmlu żewġ funzjonijiet kumplimentari jew alternattivi jew aktar għandhom jiġu kklassifikati daqslikieku magħmulin biss minn dak il-komponent jew huma dik il-magna li tagħmel il-funzjoni prinċipali.

4. Fejn magna (inkluża taħlita ta' magni) tikkonsisti f'komponenti individwali (kemm jekk separati kif jekk imwaħħlin flimkien b'pajpijiet, b'mezzi ta' trasmissjoni, b'kejbils tal-elettriku jew b'mezzi oħrajn) maħsubin biex jikkontribwixxu flimkien għal funzjoni definita ċar koperti b'wieħed mill-intestaturi fil-Kapitolu 84 jew 85, hekk kollox jaqa' biex ikun ikklassifikat fl-intestatura xierqa għal dik il-funzjoni.

5. Għall-għanijiet ta' dawn in-noti, l-espressjoni "magna" tfisser kull magna, makkinarju, impjant, tagħmir, apparat jew għodda imsemmijin fl-intestaturi tal-Kapitolu 84 jew 85.

Noti addizzjonali

1. *Għodod meħtieġa għall-immuntar jew manutenzjoni ta' magni għandhom ikunu kklassifikati ma' dawk il-magni jekk impurtati magħhom. Għodod li jistgħu jinbidlu bejniethom impurtati ma' magni għandhom ukoll ikunu kklassifikati magħhom jekk jagħmlu parti mit-tagħmir normali tal-magni u normalment jinbiegħu magħhom.*

2. *Jekk id-dwana titlob dan, id-dikjarant għandu jipproduċi, biex isostni d-dikjarazzjoni tiegħu, dokument bl-istampi (pereżempju, struzzjonijiet, prospektus, paġna minn katalgu, ritratt) li jagħti d-deskrizzjoni normali tal-magna, l-użi tagħha u l-karatteristiċi essenzjali u, fil-każ ta' magna mhux immuntata jew żarmata, pjanta tal-immuntar u lista tal-kontenut tad-diversi pakki.*

3. *Id-dispożizzjonijiet tar-regola ġenerali 2 (a) japplikaw ukoll, fuq it-talba tad-dikjarant u suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet kompetenti, għal magni impurtati f'kunsinni maqsumin.*

KAPITOLU 84

REATTURI NUKLEARI, KALDARUNI (BOILERS), MAKKINARJU U GĦODOD MEKKANIĊI; PARTIJIET TAGĦHOM

Noti

1. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

   (a) ħaġar tal-mitħna, ħaġar tal-mola jew oġġetti oħrajn tal-Kapitolu 68;

   (b) makkinarju jew għodod (pereżempju, pompi) ta' materjal ċeramiku u partijiet taċ-ċeramika ta' makkinarju jew għodod ta' kwalunkwe materjal (Kapitolu 69);

   (c) oġġetti tal-ħġieġ tal-laboratorju (intestatura 7017); makkinarju, għodod jew oġġetti oħrajn għal użi tekniċi jew partijiet tagħhom, ta' ħġieġ (intestatura 7019 jew 7020);

   (d) oġġetti tal-intestatura 7321 jew 7322 jew oġġetti simili ta' metalli oħrajn ta' valur baxx (Kapitoli 74 sa 76 jew 78 sa 81);

   (e) *vacuum cleaners* tal-intestatura 8508;

   (f) għodod domestiċi elettro-mekkaniċi tal-intestatura 8509; magni tar-ritratti diġitali tal-intestatura 8525;

   (g) radjaturi għall-oġġetti tat-taqsima XVII; jew

   (h) magni mekkaniċi tal-idejn tal-knis tal-art, mingħajr mutur (intestatura 9603).

2. Suġġett għat-tħaddim tan-nota 3 tat-taqsima XVI u suġġett għan-nota 9 ta' dan il-kapitolu, magna jew għodda li jikkorrispondu għal deskrizzjoni f'wieħed jew f'aktar mill-intestaturi 8401 sa 8424, jew l-intestatura 8486 u fl-istess ħin għal deskrizzjoni f'wieħed jew ieħor mill-intestaturi 8425 sa 8480 għandha tkun ikklassifikata fl-intestatura xierqa mill-grupp ta' qabel jew fl-intestatura 8486, skont kif ikun il-każ, u mhux fil-grupp tal-aħħar.

   L-intestatura 8419, madankollu, ma tkoprix:

   (a) impjant għal ġelbin, inkubaturi jew apparat għat-trobbija artifiċjali ta' flieles (intestatura 8436);

   (b) magni biex iniddu l-qamħ (intestatura 8437);

   (c) apparat għat-tixrid għall-estrazzjoni ta' meraq taz-zokkor (intestatura 8438);

   (d) makkinarju għat-trattament bis-sħana ta' ħjut ta' tessuti, drapp jew oġġetti maħdumin ta' tessuti (intestatura 8451); jew

   (e) makkinarju, tagħmir tal-impjanti jew tal-laboratorju, maħsub għal xogħol mekkaniku, fejn bidla f'temperatura, anke jekk meħtieġa, hija sussidjarja.

L-intestatura 8422 ma tkoprix:

(a) magni tal-ħjata biex jagħlqu boroż jew kontenituri simili (intestatura 8452); jew

(b) makkinarju tal-uffiċċju tal-intestatura 8472.

L-intestatura 8424 ma tkoprix:

(a) magni tal-istampar b'ġettijiet tal-linka (intestatura 8443);

(b) magni tal-qtugħ b'ġettijiet tal-ilma (intestatura 8456).

3. Għodda ta' magna biex jinħadem kull materjal li toqgħod għal deskrizzjoni fl-intestatura 8456 u fl-istess ħin għal deskrizzjoni fl-intestaturi 8457, 8458, 8459, 8460, 8461, 8464 jew 8465 għandha tkun ikklassifikata fl-intestatura 8456.

4. L-intestatura 8457 tapplika biss għal għodod ta' magni biex jinħadem metall, ħlief tornijiet (inklużi ċentri għall-inturnjar), li jistgħu jagħmlu tipi differenti ta' xogħol ta' magni jew:

(a) b'bidla awtomatika ta' għodda minn kompartiment jew bħalu skont programm ta' xogħol tal-magna (ċentri ta' xogħol ta' magni);

(b) bl-użu awtomatiku, flimkien jew wara xulxin, ta' rjus ta' xogħol differenti fuq post fiss fejn irid isir ix-xogħol (*workpiece*) (magni ta' kostruzzjoni ta' unità waħda, stazzjon wieħed); jew

(c) bit-trasferiment awtomatiku tal-post fejn irid isir ix-xogħol (*workpiece*) għal irjus ta' unità differenti (magni ta' trasferiment b'ħafna stazzjonijiet).

5. (A) Għall-għanijiet tal-intestatura 8471, l-espressjoni "magni awtomatiċi għal ipproċessar tad-data" tfisser magni li huma kapaċi li:

(1) jaħżnu l-programm jew programmi ta' ipproċessar u mill-anqas id-data meħtieġa minnufih għat-twettiq tal-programm;

(2) huma pprogrammati bla tfixkil skont il-ħtiġijiet ta' min jużahom;

(3) jaħdmu komputazzjonijiet aritmetiċi speċifikati minn min jużahom; u

(4) iwettqu mingħajr intervent uman, programm ta' ipproċessar li jkun jeħtiġhom jibdlu l-ħidma tagħhom, b'deċiżjoni loġika matul il-mixja tal-ipproċessar.

(B) Magni awtomatiċi għal ipproċessar ta' data jistgħu jkunu f'għamla ta' sistemi li jikkonsistu minn numru varjabbli ta' unitajiet separati.

(C) Suġġett għall-paragrafi (D) u (E) hawn taħt, unità għandha titqies bħala parti minn sistema awtomatika ta' pproċessar ta' data jekk tilħaq il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(1) hija ta' tip użat biss jew prinċipalment f'sistema awtomatika għal ipproċessar ta' data;

(2) tista' titqabbad mal-unità ċentrali ta' pproċessar jew direttament jew permezz ta' unità oħra jew aktar;

(3) tista' tilqa' jew twassal data f'forma (kowds jew sinjali) li tista' tintuża mis-sistema.

Unitajiet ta' magna awtomatika tal-ipproċessar ta' data ppreżentati b'mod separat, għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura 8471.

Minkejja dan, tastieri, mezzi ta' dħul ta' data b'koordinati X-Y u unitajiet ta' diski għal ħażna li jilħqu l-kundizzjonijiet tal-paragrafi (C)(2) u (C)(3) hawn fuq, għandhom fil-każijiet kollha jkunu kklassifikati bħala unitajiet tal-intestatura 8471.

(D) L-intestatura 8471 ma tkoprix dawn li ġejjin meta jkunu ppreżentati b'mod separat, anki jekk jilħqu l-kundizzjonijiet kollha stipulati fin-nota 5(C) hawn fuq:

(1) printers, fotokopjaturi, magni tal-faksimile, kemm jekk magħqudin u kemm jekk mhumiex;

(2) tagħmir għat-trasmissjoni jew riċezzjoni ta' vuċi, immaġni jew forom ta' data oħra, inkluż apparat għal komunikazzjoni f'netwerk ikkollegat bil-wajer jew bla wajer (bħal netwerk ta' żona lokali jew ta' żona wiesgħa);

(3) lawdspikers u mikrofoni;

(4) kameras tat-televiżjoni, kameras diġitali u vidjokameras li jirrekordjaw;

(5) moniters u proġekters, li ma jinkorporawx apparat ta' riċezzjoni televiżiva.

(E) Magni li jinkorporaw jew li jaħdmu flimkien ma' magna awtomatika għal ipproċessar ta' data u li jwettqu funzjoni speċifika barra l-ipproċessar ta' data għandhom ikunu kklassifikati fl-intestaturi xierqa għall-funzjonijiet rispettivi tagħhom jew, f'nuqqas ta' dan, fl-intestaturi li jibqa'.

6. L-intestatura 8482 tapplika, *inter alia*, għal boċċi tal-azzar illustrati, li d-dijametri massimi u minimi tagħhom ma humiex differenti mid-dijametru nominali b'iktar minn 1 % jew b'iktar minn 0,05 mm, skont liema huwa l-inqas.

Boċċi oħrajn tal-azzar għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura 7326.

7. Magna li tintuża għal aktar minn skop wieħed għandha titqies, għall-għanijiet ta' klassifikazzjoni, daqslikieku l-iskop prinċipali tagħha kien l-iskop ewlieni tagħha.

   Suġġett għan-nota 2 ta' dan il-kapitolu u n-nota 3 tat-taqsima XVI, magna li l-iskop prinċipali tagħha mhuwiex deskritt f'ebda intestatura jew li għaliha ebda skop ma huwa l-iskop prinċipali għandha, sakemm il-kuntest ma jesiġix mod ieħor, tkun kklassifikata fl-intestatura 8479. L-intestatura 8479 tkopri ukoll magni li jagħmlu ħbula jew kejbil (pereżempju, magni li jifirdu siegla siegla, jobormu jew jimmaljaw) minn wajer ta' metall, ħjut ta' tessuti jew kull materjal ieħor jew minn taħlita ta' dawn il-materjali.

8. Għall-għanijiet tal-intestatura 8470, it-terminu "daqs tal-but" japplika biss għal magni li l-qisien tagħhom ma jaqbżux 170 mm × 100 mm × 45 mm.

9. (A) In-Noti 9 (a) u 9 (b) tal-Kapitolu 85 japplikaw ukoll fir-rigward tal-espressjonijiet "strumenti semikondutturi" u "ċirkwiti integrati elettroniċi", rispettivament, kif użati f'din in-nota u fl-intestatura 8486. Minkejja dan, għall-għanijiet ta' din in-nota u tal-intestatura 8486, l-espressjoni "strumenti semikondutturi" tkopri wkoll strumenti semikondutturi fotosensibbli u dijodi li jemettu d-dawl (LEDs).

   (B) Għall-għanijiet ta' din in-nota u tal-intestatura 8486, l-espressjoni "manifattura ta' *displays* pannelli ċatti" tkopri l-manifattura ta' substrati f'pannelli ċatti. Ma tkoprix il-manifattura ta' ħġieġ jew immuntar ta' bords għal ċirkwiti stampati jew ta' komponenti elettroniċi oħra għal fuq pannella ċatta. L-espressjoni "*displays* pannelli ċatti" ma tkoprix it-teknoloġija ta' tubu vakwu.

   (C) L-intestatura 8486 tinkludi wkoll magni u apparat li huma tat-tip użat biss jew prinċiparjament għal:

      (1) manifattura jew tiswija tal-maskri u r-retikoli;

      (2) immuntar ta' strumenti semikondutturi jew ta' ċirkwiti integrati elettroniċi; u

      (3) irfigħ, immaniġġjar, tagħbija jew ħatt ta' *boules*, wejfers, strumenti semikondutturi, ċirkwiti integrati elettroniċi u *displays* pannelli ċatti.

   (D) Suġġetti għan-nota 1 tat-taqsima XVI u n-nota 1 tal-Kapitolu 84, magni u apparat li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni fl-intestatura 8486 għandhom ikunu kklassifikati f'dik l-intestatura u f'ebda intestatura oħra tan-Nomenklatura.

Noti tas-subintestatura

1. Għall-għanijiet tas-subintestatura 8465 20, it-terminu "ċentri tal-magni" japplika biss għall-għodod bil-magna biex jaħdmu l-injam, is-sufra, l-għadam, il-gomma iebsa, plastiks ibsin jew materjali simili ibsin, li jistgħu jagħmlu tipi differenti ta' xogħlijiet b'bidla awtomatika ta' għodda minn kompartiment jew għodod bħal dawn skont programm ta' xogħol tal-magna.

2. Għall-għanijiet tas-subintestatura 8471 49, it-terminu "sistemi" jfisser magni awtomatiċi għal ipproċessar ta' data li l-unitajiet tagħhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fin-nota 5(C) tal-Kapitolu 84 u li fihom għallinqas unità ċentrali ta' pproċessar, biċċa waħda ta' dħul (pereżempju, tastiera jew skaner), u biċċa waħda ta' ħruġ (pereżempju, unità għal wiri viżwali jew printer).

3. Għall-għanijiet tas-subintestatura 8481 20, l-espressjoni "valvi għal trasmissjonijiet oleoidrawliċi jew pnewmatiċi" li tfisser valvi li huma użati speċifikament fit-trażmissjoni ta' "enerġija mill-fluwidi" f'sistema idrawlika jew pnewamtika, fejn is-sors ta' enerġija huwa fornut fil-forma ta' fluwidi taħt pressjoni għolja (likwidi jew gass). Dawn il-valvi jistgħu jkunu ta' kwalunkwe tip (pereżempju, tat-tip li jnaqqsu l-pressjoni, tip ta' ċċekkjar). Is-subintestatura 8481 20 tieħu preċedenza fuq is-subintestaturi l-oħrajn kollha tal-intestatura 8481.

4. Is-subintestatura 8482 40 tapplika biss għal berings b'rombli ċilindriċi ta' dijametru uniformi mhux aktar minn 5 mm u twal għallinqas tliet darbiet id-dijametru. It-truf tar-rombli jistgħu jkunu ġejjin għat-tond.

Noti addizzjonali

1. *Għall-għanijiet tas-subintestaturi 8407 10 u 8409 10, l-espressjoni "magni ta' biċċiet tal-ajru" tapplika biss għal magni maħsubin li jitwaħħlu ma' skrun ta' ajruplan jew rotor.*

2. *Is-subintestatura 8471 70 30 għandha tapplika wkoll għal apparat tas-CD-ROM, li huma unitajiet ta' ħażna għal magni awtomatiċi għal ipproċessar ta' data, li huma magħmulin minn bċejjeċ ta' apparat maħsubin biex jirkupraw is-sinjali minn CD-ROMs, CDs awdjo, CDs tar-ritratti u armati b'ġakk għal kuffji tas-smiegħ, b'buttuna li tirregola l-volum, jew buttuna biex tibda u biex tieqaf.*

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8401	**Reatturi nuklejari; elementi ta' karburanti (skratač), mhux mixgħulin (*non-irradiated*), għal reatturi nuklejari; makkinarju u apparat għal separazzjoni isotopika:**		
8401 10 00	– **Reatturi nuklejari (*Ewratom*)**	5,7	—
8401 20 00	– **Makkinarju u apparat għal separazzjoni isotopika, u partijiet tagħhom (*Ewratom*)**	3,7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8401 30 00	– **Elementi ta' karburanti (skratać), mhux mixgħulin (*non-irradiated*) (*Ewratom*)** .	3,7	gi F/S
8401 40 00	– **Partijiet ta' reatturi nuklejari (*Ewratom*)**	3,7	—
8402	**Kaldaruni li jiġġeneraw stim jew fwar ieħor (ħlief kaldaruni ta' miskun ta' tisħin ċentrali li jistgħu jipproduċu ukoll stim ta' pressjoni baxxa); kaldaruni tal-ilma sopra-msaħħnin:**		
	– **Kaldaruni li jipproduċu stim jew fwar ieħor:**		
8402 11 00	– – **Kaldaruni bit-tubi tal-ilma bi produzzjoni ta' stim aktar minn 45 tunellati metriċi fis-siegħa**	2,7	—
8402 12 00	– – **Kaldaruni bit-tubi tal-ilma bi produzzjoni ta' stim mhux aktar minn 45 tunellati metriċi fis-siegħa**	2,7	—
8402 19	– – **Kaldaruni oħrajn li jiġġeneraw fwar, inklużi kaldaruni ibridi:**		
8402 19 10	– – – Kaldaruni bit-tubi ta' gassijiet li jsaħħnu	2,7	—
8402 19 90	– – – Oħrajn	2,7	—
8402 20 00	– **Kaldaruni tal-ilma sopra-msaħħnin**	2,7	—
8402 90 00	– **Partijiet**	2,7	—
8403	**Kaldaruni għat-tisħin ċentrali ħlief dawk tal-intestatura 8402:**		
8403 10	– **Kaldaruni:**		
8403 10 10	– – Ta' ħadid fondut	2,7	—
8403 10 90	– – Oħrajn	2,7	—
8403 90	– **Partijiet::**		
8403 90 10	– – Ta' ħadid fondut	2,7	—
8403 90 90	– – Oħrajn	2,7	—
8404	**Impjant awżiljarju għal użu ma' kaldaruni tal-intestatura 8402 jew 8403 (pereżempju, ekonomizzaturi, superħiters, neħħejja tan-nugrufun, irkupraturi tal-gass); kondensaturi għal unitajiet ta' enerġija bl-istim jew bi fwar ieħor:**		
8404 10 00	– **Impjant awżiljarju għal użu ma' kaldaruni tal-intestatura 8402 jew8403**	2,7	—
8404 20 00	– **Kondensaturi għal unitajiet ta' enerġija bl-istim jew bi fwar ieħor**	2,7	—
8404 90 00	– **Partijiet**	2,7	—
8405	**Ġeneraturi ta' gass produttur (*producer gas*) jew gass tal-ilma, bil-purifikaturi tagħhom jew le; ġeneraturi ta' gass ta' aċitilena u ġeneraturi simili ta' gass bi proċess tal-ilma, bil-purifikaturi tagħhom jew le:**		
8405 10 00	– **Ġeneraturi ta' gass produttur (*producer gas*) jew gass tal-ilma, bil-purifikaturi tagħhom jew le; ġeneraturi ta' gass ta' aċitilena u ġeneraturi simili ta' gass bi proċess tal-ilma, bil-purifikaturi tagħhom jew le**	1,7	—
8405 90 00	– **Partijiet**	1,7	—
8406	**Turbini ta' stim u turbini ta' fwar ieħor:**		
8406 10 00	– **Turbini għal propulsjoni tal-baħar**	2,7	—
	– **Turbini oħrajn::**		
8406 81 00	– – **Bi produzzjoni ogħla minn 40 MW**	2,7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8406 82 00	**– – Bi produzzjoni mhux ogħla minn 40 MW**	2,7	—
8406 90	**– Partijiet:**		
8406 90 10	– – *Stator blades*, rotors u xfafar tagħhom	2,7	—
8406 90 90	– – Oħrajn	2,7	—
8407	**Magni li jaqbdu bi xrara bil-moviment alternat jew magni rotatorji bil-pistuni b'kombustjoni interna:**		
8407 10 00	**– Magni ta' biċċiet tal-ajru**	1,7 ([1])	p/st
	– Magni tal-baħar bi propulsjoni:		
8407 21	**– – Muturi awtbord:**		
8407 21 10	– – – Ta' ċilindrata mhux akbar minn 325 cm^3	6,2	p/st
	– – – Ta' ċilindrata akbar minn 325 cm^3:		
8407 21 91	– – – – Ta' qawwa mhux aktar minn 30 kW	4,2	p/st
8407 21 99	– – – – Ta' qawwa aktar minn 30 kW	4,2	p/st
8407 29 00	**– – Oħrajn**	4,2	p/st
	– Magni bil-moviment alternat bil-pistuni ta' tip użat għall-propulsjoni ta' vetturi tal-Kapitolu 87:		
8407 31 00	**– – Ta' ċilindrata mhux akbar minn 50 cm^3**	2,7	p/st
8407 32	**– – Ta' ċilindrata akbar minn 50 cm^3 iżda mhux akbar minn 250 cm^3:**		
8407 32 10	– – – Ta' ċilindrata akbar minn 50 cm^3 iżda mhux akbar minn 125 cm^3	2,7	p/st
8407 32 90	– – – Ta' ċilindrata akbar minn 125 cm^3 iżda mhux akbar minn 250 cm^3	2,7	p/st
8407 33	**– – Ta' ċilindrata akbar minn 250 cm^3 iżda mhux akbar minn 1 000 cm^3:**		
8407 33 20	– – – Ta' ċilindrata akbar minn 250 cm^3 iżda mhux akbar minn 500 cm^3	2,7	p/st
8407 33 80	– – – Ta' ċilindrata akbar minn 500 cm^3 iżda mhux akbar minn 1000 cm^3	2,7	p/st
8407 34	**– – Ta' ċilindrata akbar minn 1 000 cm^3:**		
8407 34 10	– – – Għal immuntar industrijali ta: trakters ikkontrollati minn min ikun bil-mixi tas-subintestatura 8701 10; vetturi bil-mutur tal-intestatura 8703; vetturi bil-mutur tal-intestatura 8704 b'magna b'ċilindrata inqas minn 2 800 cm^3; vetturi bil-mutur tal-intestatura 8705 ([2])	2,7	p/st
	– – – Oħrajn:		
8407 34 30	– – – – Użati	4,2	p/st
	– – – – Ġodda, ta' ċilindrata:		
8407 34 91	– – – – – Mhux akbar minn 1 500 cm^3	4,2	p/st
8407 34 99	– – – – – Akbar minn 1 500 cm^3	4,2	p/st
8407 90	**– Magni oħrajn:**		

([1]) Dazju sospiż temporanjament, fuq bażi awtonoma, rigward oġġetti maħsubin biex jitwaħħlu f'biċċiet tal-ajru itqal mill-arja impurtati bla dazju jew mibninjin ġol-Unjoni Ewropea. Din is-sospensjoni hija suġġetta għal osservanza tal-formalitajiet u l-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea rilevanti (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)).

([2]) Id-dħul f'din is-subintestatura huwa suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea rilevanti (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8407 90 10	– – Ta' ċilindrata mhux akbar minn 250 cm^3	2,7	p/st
	– – Ta' ċilindrata akbar minn 250 cm^3:		
8407 90 50	– – – Għal immuntar industrijali ta: trakters ikkontrollati minn min ikun bil-mixi tas-subintestatura 8701 10; vetturi bil-mutur tal-intestatura 8703; vetturi bil-mutur tal-intestatura 8704 b'magna b'ċilindrata inqas minn 2 800 cm^3; vetturi bil-mutur tal-intestatura 8705 ([1])	2,7	p/st
	– – – Oħrajn:		
8407 90 80	– – – – Ta' qawwa mhux aktar minn 10 kW	4,2	p/st
8407 90 90	– – – – Ta' qawwa aktar minn 10 kW	4,2	p/st
8408	**Magni li jaqbdu b'kompressjoni bil-pistuni b'kombustjoni interna (magni diżil jew semi-diżil):**		
8408 10	**– Magni tal-baħar bi propulsjoni:**		
	– – Użati:		
8408 10 11	– – – Għal bastimenti li jbaħħru tal-intestaturi 8901 sa 8906, lanqas tar-rmonk tas-subintestatura 8904 00 10 u bastimenti tal-gwerra tas-subintestatura 8906 10 00 ([1])	Bla ħlas	p/st
8408 10 19	– – – Oħrajn	2,7	p/st
	– – Ġodda, ta' qawwa:		
	– – – Mhux aktar minn 50 kW:		
8408 10 23	– – – – Għal bastimenti li jbaħħru tal-intestaturi 8901 sa 8906, lanqas tar-rmonk tas-subintestatura 8904 00 10 u bastimenti tal-gwerra tas-subintestatura 8906 10 00 ([1])	Bla ħlas	p/st
8408 10 27	– – – – Oħrajn	2,7	p/st
	– – – Aktar minn 50 kW iżda mhux aktar minn 100 kW:		
8408 10 31	– – – – Għal bastimenti li jbaħħru tal-intestaturi 8901 sa 8906, lanqas tar-rmonk tas-subintestatura 8904 00 10 u bastimenti tal-gwerra tas-subintestatura 8906 10 00 ([1])	Bla ħlas	p/st
8408 10 39	– – – – Oħrajn	2,7	p/st
	– – – Aktar minn 100 kW iżda mhux aktar minn 200 kW:		
8408 10 41	– – – – Għal bastimenti li jbaħħru tal-intestaturi 8901 sa 8906, lanqas tar-rmonk tas-subintestatura 8904 00 10 u bastimenti tal-gwerra tas-subintestatura 8906 10 00 ([1])	Bla ħlas	p/st
8408 10 49	– – – – Oħrajn	2,7	p/st
	– – – Aktar minn 200 kW iżda mhux aktar minn 300 kW:		
8408 10 51	– – – – Għal bastimenti li jbaħħru tal-intestaturi 8901 sa 8906, lanqas tar-rmonk tas-subintestatura 8904 00 10 u bastimenti tal-gwerra tas-subintestatura 8906 10 00 ([1])	Bla ħlas	p/st
8408 10 59	– – – – Oħrajn	2,7	p/st
	– – – Aktar minn 300 kW iżda mhux aktar minn 500 kW:		
8408 10 61	– – – – Għal bastimenti li jbaħħru tal-intestaturi 8901 sa 8906, lanqas tar-rmonk tas-subintestatura 8904 00 10 u bastimenti tal-gwerra tas-subintestatura 8906 10 00 ([1])	Bla ħlas	p/st

([1]) Id-dħul f'din is-subintestatura huwa suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea rilevanti (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8408 10 69	– – – – Oħrajn	2,7	p/st
	– – – Aktar minn 500 kW iżda mhux aktar minn 1 000 kW:		
8408 10 71	– – – – Għal bastimenti li jbaħħru tal-intestaturi 8901 sa 8906, lanex tar-rmonk tas-subintestatura 8904 00 10 u bastimenti tal-gwerra tas-subintestatura 8906 10 00 ([1])	Bla ħlas	p/st
8408 10 79	– – – – Oħrajn	2,7	p/st
	– – – Aktar minn 1 000 kW iżda mhux aktar minn 5 000 kW:		
8408 10 81	– – – – Għal bastimenti li jbaħħru tal-intestaturi 8901 sa 8906, lanex tar-rmonk tas-subintestatura 8904 00 10 u bastimenti tal-gwerra tas-subintestatura 8906 10 00 ([1])	Bla ħlas	p/st
8408 10 89	– – – – Oħrajn	2,7	p/st
	– – – Aktar minn 5 000 kW:		
8408 10 91	– – – – Għal bastimenti li jbaħħru tal-intestaturi 8901 sa 8906, lanex tar-rmonk tas-subintestatura 8904 00 10 u bastimenti tal-gwerra tas-subintestatura 8906 10 00 ([1])	Bla ħlas	p/st
8408 10 99	– – – – Oħrajn	2,7	p/st
8408 20	**– Magni ta' tip użati għall-propulsjoni ta' vetturi tal-Kapitolu 87:**		
8408 20 10	– – Għal immuntar industrijali ta: trakters ikkontrollati minn min ikun bil-mixi tas-subintestatura 8701 10; vetturi bil-mutur tal-intestatura 8703; vetturi bil-mutur tal-intestatura 8704 b'magna b'ċilindrata inqas minn 2 500 cm^3; vetturi bil-mutur tal-intestatura 8705 ([1])	2,7	p/st
	– – Oħrajn:		
	– – – Għal trakters bir-roti għal użu agrikolu u fl-imsaġar, ta' qawwa:		
8408 20 31	– – – – Mhux aktar minn 50 kW	4,2	p/st
8408 20 35	– – – – Aktar minn 50 kW iżda mhux aktar minn 100 kW	4,2	p/st
8408 20 37	– – – – Aktar minn 100 kW	4,2	p/st
	– – – Għal vetturi oħrajn tal-Kapitolu 87, ta' qawwa:		
8408 20 51	– – – – Mhux aktar minn 50 kW	4,2	p/st
8408 20 55	– – – – Aktar minn 50 kW iżda mhux aktar minn 100 kW	4,2	p/st
8408 20 57	– – – – Aktar minn 100 kW iżda mhux aktar minn 200 kW	4,2	p/st
8408 20 99	– – – – Aktar minn 200 kW	4,2	p/st
8408 90	**– Magni oħrajn:**		
8408 90 21	– – Għal ġbid tal-ferrovija	4,2	p/st
	– – Oħrajn:		
8408 90 27	– – – Użati	4,2	p/st
	– – – Ġodda, ta' qawwa:		
8408 90 41	– – – – Mhux aktar minn 15 kW	4,2	p/st
8408 90 43	– – – – Aktar minn 15 kW iżda mhux aktar minn 30 kW	4,2	p/st
8408 90 45	– – – – Aktar minn 30 kW iżda mhux aktar minn 50 kW	4,2	p/st
8408 90 47	– – – – Aktar minn 50 kW iżda mhux aktar minn 100 kW	4,2	p/st

([1]) Id-dħul f'din is-subintestatura huwa suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea rilevanti (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8408 90 61	– – – – Aktar minn 100 kW iżda mhux aktar minn 200 kW	4,2	p/st
8408 90 65	– – – – Aktar minn 200 kW iżda mhux aktar minn 300 kW	4,2	p/st
8408 90 67	– – – – Aktar minn 300 kW iżda mhux aktar minn 500 kW	4,2	p/st
8408 90 81	– – – – Aktar minn 500 kW iżda mhux aktar minn 1 000 kW	4,2	p/st
8408 90 85	– – – – Aktar minn 1 000 kW iżda mhux aktar minn 5 000 kW	4,2	p/st
8408 90 89	– – – – Aktar minn 5 000 kW	4,2	p/st
8409	**Partijiet tajbin għal użu biss jew prinċipalment mal-magni tal-intestatura 8407 jew 8408:**		
8409 10 00	**– Għal magni ta' biċċiet tal-ajru .....**	1,7 ([1])	—
	– Oħrajn:		
8409 91 00	**– – Tajbin biss jew prinċipalment ma' magni li jaqbdu bi xrara bil-pistuni b'kombustjoni interna .....**	2,7	—
8409 99 00	**– – Oħrajn .....**	2,7	—
8410	**Turbini idrawliċi, roti tal-ilma, u regulaturi għalihom:**		
	– Turbini idrawliċi u roti tal-ilma:		
8410 11 00	**– – Ta' qawwa mhux aktar minn 1 000 kW .....**	4,5	—
8410 12 00	**– – Ta' qawwa aktar minn 1 000 kW iżda mhux aktar minn 10 000 kW .....**	4,5	—
8410 13 00	**– – Ta' qawwa aktar minn 10 000 kW .....**	4,5	—
8410 90 00	**– Partijiet, inklużi regulaturi .....**	4,5	—
8411	**Turbo ġettijiet, turbo skrejjen u turbini oħrajn ta' gass:**		
	– Turbo-ġettijiet:		
8411 11 00	**– – Ta' pressjoni mhux akbar minn 25 kN .....**	3,2 ([1])	p/st
8411 12	**– – Ta' pressjoni akbar minn 25 kN:**		
8411 12 10	– – – Ta' pressjoni akbar minn 25 kN iżda mhux akbar minn 44 kN	2,7 ([1])	p/st
8411 12 30	– – – Ta' pressjoni akbar minn 44 kN iżda mhux akbar minn 132 kN	2,7 ([1])	p/st
8411 12 80	– – – Ta' pressjoni akbar minn 132 kN	2,7 ([1])	p/st
	– Turbo skrejjen:		
8411 21 00	**– – Ta' qawwa mhux akbar minn 1 100 kW .....**	3,6 ([1])	p/st
8411 22	**– – Ta' qawwa akbar minn 1 100 kW:**		
8411 22 20	– – – Ta' qawwa akbar minn 1 100 kW iżda mhux akbar minn 3 730 kW	2,7 ([1])	p/st
8411 22 80	– – – Ta' qawwa akbar minn 3 730 kW	2,7 ([1])	p/st
	– Turbini oħrajn ta' gass:		
8411 81 00	**– – Ta' qawwa mhux akbar minn 5 000 kW .....**	4,1	p/st
8411 82	**– – Ta' qawwa akbar minn 5 000 kW:**		

([1]) Dazju sospiż temporanjament, fuq bażi awtonoma, rigward oġġetti maħsubin biex jitwaħħlu f'biċċiet tal-ajru itqal mill-arja impurtati bla dazju jew mibninjin ġol-Unjoni Ewropea. Din is-sospensjoni hija suġġetta għal osservanza tal-formalitajiet u l-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea rilevanti (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8411 82 20	– – – Ta' qawwa akbar minn 5 000 kW iżda mhux akbar minn 20 000 kW	4,1	p/st
8411 82 60	– – – Ta' qawwa akbar minn 20 000 kW iżda mhux akbar minn 50 000 kW	4,1	p/st
8411 82 80	– – – Ta' qawwa akbar minn 50 000 kW	4,1	p/st
	– Partijiet:		
8411 91 00	**– – Ta' turbo-ġettijiet jew turbo- skrejjen .....**	2,7 ([1])	—
8411 99 00	**– – Oħrajn .....**	4,1	—
8412	**Magni u muturi oħrajn:**		
8412 10 00	**– Magni ta' reazzjoni ħlief turbo-ġettijiet .....**	2,2 ([1])	p/st
	– Magni u muturi tal-qawwa idrawlika:		
8412 21	**– – Jaħdmu lineari (ċilindri):**		
8412 21 20	– – – Sistemi idrawliċi	2,7	—
8412 21 80	– – – Oħrajn	2,7	—
8412 29	**– – Oħrajn:**		
8412 29 20	– – – Sistemi idrawliċi	4,2	—
	– – – Oħrajn:		
8412 29 81	– – – – Muturi ta' enerġija bi fluwidu idrawliku	4,2	—
8412 29 89	– – – – Oħrajn	4,2	—
	– Magni u muturi pnewmatiċi ta' enerġija:		
8412 31 00	**– – Jaħdmu lineari (ċilindri) .....**	4,2	—
8412 39 00	**– – Oħrajn .....**	4,2	—
8412 80	**– Oħrajn:**		
8412 80 10	– – Magni ta' enerġija bi stim jew fwar ieħor	2,7	—
8412 80 80	– – Oħrajn	4,2	—
8412 90	**– Partijiet:**		
8412 90 20	– – Ta' magni ta' reazzjoni ħlief turbo-ġettijiet	1,7 ([1])	—
8412 90 40	– – Ta' magni u muturi ta' enerġija idrawliċi	2,7	—
8412 90 80	– – Oħrajn	2,7	—
8413	**Pompi għal likwidi, mgħammrin b'apparat għal kejl jew le; magni ta' rfigħ għal likwidi:**		
	– Pompi mgħammrin jew maħsubin biex ikunu mgħammrin b'apparat għal kejl:		
8413 11 00	**– – Pompi għal tqassim ta' karburant jew lubrikanti, tat-tip użati fil-pompi tal-petrol jew f'garaxxijiet .....**	1,7	p/st
8413 19 00	**– – Oħrajn .....**	1,7	p/st
8413 20 00	**– Pompi mhaddma bl-idejn, ħlief dawk tas-subintestatura 8413 11 jew 8413 19 .**	1,7	p/st

([1]) Dazju sospiż temporanjament, fuq bażi awtonoma, rigward oġġetti maħsubin biex jitwaħħlu f'biċċiet tal-ajru itqal mill-arja impurtati bla dazju jew mibninjin ġol-Unjoni Ewropea. Din is-sospensjoni hija suġġetta għal osservanza tal-formalitajiet u l-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea rilevanti (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8413 30	**– Pompi għal materjali karburanti, lubrikanti jew ta' tkessiħ għal magni bil-pistuni b'kombustjoni interna:**		
8413 30 20	– – Pompi ta' injezzjoni	1,7	p/st
8413 30 80	– – Oħrajn	1,7	p/st
8413 40 00	**– Pompi għal konkos**	1,7	p/st
8413 50	**– Pompi oħrajn b'moviment alternat bi spostament pożittiv:**		
8413 50 20	– – Unitajiet idrawliċi	1,7	—
8413 50 40	– – Pompi ta' iddożar u proporzjonar	1,7	p/st
	– – Oħrajn:		
	– – – Pompi bil-pistuni:		
8413 50 61	– – – – Qawwa ta' fluwidu idrawliku	1,7	p/st
8413 50 69	– – – – Oħrajn	1,7	p/st
8413 50 80	– – – Oħrajn	1,7	p/st
8413 60	**– Pompi oħrajn rotatorji bi spostament pożittiv:**		
8413 60 20	– – Unitajiet idrawliċi	1,7	—
	– – Oħrajn:		
	– – – Pompi bil-gerijiet:		
8413 60 31	– – – – Qawwa ta' fluwidu idrawliku	1,7	p/st
8413 60 39	– – – – Oħrajn	1,7	p/st
	– – – Pompi bil-qala':		
8413 60 61	– – – – Qawwa ta' fluwidu idrawliku	1,7	p/st
8413 60 69	– – – – Oħrajn	1,7	p/st
8413 60 70	– – – Pompi bil-kamin	1,7	p/st
8413 60 80	– – – Oħrajn	1,7	p/st
8413 70	**– Pompi oħrajn ċentrifugi:**		
	– – Pompi li jistgħu jitniżżlu taħt l-ilma:		
8413 70 21	– – – Stadju wieħed	1,7	p/st
8413 70 29	– – – Multi-stadji	1,7	p/st
8413 70 30	– – Pompi b'disk bil-pali (*impeller*) mingħajr siġill tal-fus (*glandless*) għal sistemi ta' tisħin u provvista tal-ilma sħun	1,7	p/st
	– – Oħrajn, b'dijametru ta' ħruġ ta' skargar:		
8413 70 35	– – – Ma jaqbiżx il-15-il mm	1,7	p/st
	– – – Jaqbeż il-15-il mm:		
8413 70 45	– – – – Pompi għal kanal b'disk bil-pali (*impeller*) u pompi għal ġenb ta' kanal	1,7	p/st
	– – – – Pompi bi fluss miċ-ċentru:		
	– – – – – Stadju wieħed:		
	– – – – – – B'disk bil-pali (*impeller*) għad-dħul wieħed:		
8413 70 51	– – – – – – – Monoblokk	1,7	p/st

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8413 70 59	– – – – – – – Oħrajn	1,7	p/st
8413 70 65	– – – – – – B'aktar minn disk bil-pali (*impeller*) għad-dħul wieħed	1,7	p/st
8413 70 75	– – – – – Multi-stadji	1,7	p/st
	– – – – Pompi oħrajn ċentrifugi:		
8413 70 81	– – – – – Stadju wieħed	1,7	p/st
8413 70 89	– – – – – Multi-stadji	1,7	p/st
	– Pompi oħrajn; magni ta' rfigħ għal likwidi:		
8413 81 00	**– – Pompi**	1,7	p/st
8413 82 00	**– – Magni ta' rfigħ għal likwidi**	1,7	p/st
	– Partijiet:		
8413 91 00	**– – Ta' pompi**	1,7	—
8413 92 00	**– – Ta' magni ta' rfigħ għal likwidi**	1,7	—
8414	**Pompi bl-arja jew bil-vakwu, kompressuri u fannijiet ta' arja jew gass ieħor; għata għal ventilazzjoni jew għal riċiklaġġ li fihom fann, mgħammar bil-filtri jew le:**		
8414 10	**– Pompi bil-vakwu:**		
8414 10 15	– – Tat-tip użat għall-manifattura ta' semikondutturi jew użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' displays pannelli ċatti	Bla ħlas	p/st
	– – Oħrajn:		
8414 10 25	– – – Pompi rotatorji bil-pistuni, pompi rotatorji b'qala' tiżżerżaq, pompi bi traxxinament molekulari u pompi *Roots*	1,7	p/st
	– – – Oħrajn:		
8414 10 81	– – – – Pompi għal tixrid, krijopompi u pompi ta' assorbiment	1,7	p/st
8414 10 89	– – – – Oħrajn	1,7	p/st
8414 20	**– Pompi tal-arja mħaddmin bl-idejn jew bis-saqajn:**		
8414 20 20	– – Pompi tal-idejn għar-roti	1,7	p/st
8414 20 80	– – Oħrajn	2,2	p/st
8414 30	**– Kumpressuri ta' tip użat f'tagħmir tat-tkessiħ:**		
8414 30 20	– – Ta' qawwa mhux aktar minn 0,4 kW	2,2	p/st
	– – Ta' qawwa aktar minn 0,4 kW:		
8414 30 81	– – – Ermetiċi jew semi-ermetiċi	2,2	p/st
8414 30 89	– – – Oħrajn	2,2	p/st
8414 40	**– Kumpressuri tal-arja mmuntati fuq qafas bir-roti għal irmunkar:**		
8414 40 10	– – Li jagħtu fluss fil-minuta mhux aktar minn 2 m^3	2,2	p/st
8414 40 90	– – Li jagħtu fluss fil-minuta aktar minn 2 m^3	2,2	p/st
	– Fannijiet:		

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8414 51 00	**– – Fannijiet għall-mejda, għall-art, għat-tieqa jew għas-saqaf, b'mutur tal-elettriku fihom stess li ma jitfax iktar minn 125 W**	3,2	p/st
8414 59	**– – Oħrajn:**		
8414 59 15	– – – Fannijiet ta' tip użat biss jew prinċipalment għat-tkessiħ tal-mikroproċessuri, apparat tat-telekomunikazzjoni, magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data u unitajiet ta' magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data	Bla ħlas	p/st
	– – – Oħrajn:		
8414 59 25	– – – – Fannijiet assjali	2,3	p/st
8414 59 35	– – – – Fannijiet ċentrifugi	2,3	p/st
8414 59 95	– – – – Oħrajn	2,3	p/st
8414 60 00	**– Għata (*hoods*) b'ġenb orizzontali massimu mhux aktar minn 120 cm**	2,7	p/st
8414 80	**– Oħrajn:**		
	– – Turbo-kumpressuri:		
8414 80 11	– – – Stadju wieħed	2,2	p/st
8414 80 19	– – – Multi-stadji	2,2	p/st
	– – Kumpressuri ta' spostament b'moviment alternat, li għandhom kapaċità ta' ammont ta' pressjoni ogħla minn dik atmosferika ta':		
	– – – Mhux ogħla minn 15 bar, bi fluss fis-siegħa ta':		
8414 80 22	– – – – Mhux aktar minn 60 m^3	2,2	p/st
8414 80 28	– – – – Aktar minn 60 m^3	2,2	p/st
	– – – Ogħla minn 15-il bar, bi fluss fis-siegħa ta':		
8414 80 51	– – – – Mhux aktar minn 120 m^3	2,2	p/st
8414 80 59	– – – – Aktar minn 120 m^3	2,2	p/st
	– – Kumpressuri ta' spostament b'sistema rotatorja:		
8414 80 73	– – – B'xaft wieħed	2,2	p/st
	– – – Multi-xaft:		
8414 80 75	– – – – Kumpressuri bil-kamin	2,2	p/st
8414 80 78	– – – – Oħrajn	2,2	p/st
8414 80 80	– – Oħrajn	2,2	p/st
8414 90 00	**– Partijiet**	2,2	—
8415	**Magni tal-arja kundizzjonata, li fihom fann bil-mutur u elementi biex wieħed jibdel it-temperatura u l-umdità, inklużi dawk il-magni li fihom l-umdità ma tistax tkun irregolata separatament:**		
8415 10	**– Tat-tip magħmula biex ikunu mwaħħla ma' tieqa, ħajt, saqaf jew art, kollox f'ħaġa waħda jew "sistemi maqsumin:**		
8415 10 10	– – Kollox f'ħaġa waħda	2,2	—
8415 10 90	– – Sistemi maqsumin (*split system*)	2,5	—
8415 20 00	**– Ta' tip użat għal persuni, f'vetturi bil-mutur**	2,7	—
	– Oħrajn:		
8415 81 00	**– – Li fihom unità għat-tkessiħ u valv għat-taqlib taċ-ċiklu tat-tkessiħ/sħana (pompi għas-sħana li jistgħu jinqalbu)**	2,7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8415 82 00	– – **Oħrajn, li fihom unità għat-tkessiħ**	2,7	—
8415 83 00	– – **Oħrajn, li ma fihomx unità għat-tkessiħ**	2,7	—
8415 90 00	– **Partijiet**	2,7	—
8416	**Berners tal-fran għal karburant likwidu, għal karburant solidu mfarrak jew għal gass; apparat mekkaniku li jnajjar il-bajli, inklużi l-gradilji tagħhom, skargaturi mekkaniċi ta' rmied u apparat simili:**		
8416 10	– **Berners tal-fran għal karburant likwidu:**		
8416 10 10	– – Li fihom apparat ta' kontroll awtomatiku	1,7	p/st
8416 10 90	– – Oħrajn	1,7	p/st
8416 20	– **Berners oħrajn tal-fran, inklużi berners b'taħlita:**		
8416 20 10	– – Għal gass biss, monoblokk, li fihom ventilatur u apparat ta' kontroll	1,7	p/st
	– – Oħrajn:		
8416 20 20	– – – Berners b'taħlita	1,7	p/st
8416 20 80	– – – Oħrajn	1,7	—
8416 30 00	– **Apparat mekkaniku li jnajjar il-bajli, inklużi l-gradilji tagħhom, skargaturi mekkaniċi ta' rmied u apparat simili**	1,7	—
8416 90 00	– **Partijiet**	1,7	—
8417	**Fran u fuklari tal-bajla industrijali jew tal-laboratorju, inklużi inċineraturi, mhux tal-elettriku:**		
8417 10 00	– **Fran u fuklari tal-bajla għax-xiwi, tidwib jew trattament ta' sħana ieħor ta' minerali, piriti jew ta' metalli**	1,7	—
8417 20	– **Fran tal-ħobż, inklużi fran għall-ħami tal-gallettini:**		
8417 20 10	– – Fran mina	1,7	—
8417 20 90	– – Oħrajn	1,7	—
8417 80	– **Oħrajn:**		
8417 80 30	– – Fran and furnaces for firing ceramic products	1,7	p/st
8417 80 50	– – Fran and furnaces for firing cement, glass or chemical products	1,7	p/st
8417 80 70	– – Oħrajn	1,7	—
8417 90 00	– **Partijiet**	1,7	—
8418	**Refriġerejters, friżers u tagħmir ieħor għat-tkessiħ jew iffriżar, tal-elettriku jew oħrajn; pompi tas-sħana ħlief magni tal-arja kundizzjonata tal-intestatura 8415:**		
8418 10	– **Refriġerejters-friżi kombinati, mgħammrin b'bibien ta' barra separati:**		
8418 10 20	– – Li jesgħu aktar minn 340 litri	1,9	p/st
8418 10 80	– – Oħrajn	1,9	p/st
	– **Refriġerejters, tip għad-dar:**		
8418 21	– – **Tip bil-kompressur:**		
8418 21 10	– – – Li jesgħu aktar minn 340 litri	1,5	p/st

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
	– – – Oħrajn:		
8418 21 51	– – – – Mudell tal-mejda	2,5	p/st
8418 21 59	– – – – Tip *built-in*	1,9	p/st
	– – – – Oħrajn, li jesgħu:		
8418 21 91	– – – – – Mhux aktar minn 250 litri	2,5	p/st
8418 21 99	– – – – – Aktar minn 250 litri iżda mhux aktar minn 340 litri	1,9	p/st
8418 29 00	**– – Oħrajn**	2,2	p/st
8418 30	**– Friżi tat-tip senduq, ma jesgħux aktar minn 800 litru:**		
8418 30 20	– – Li jesgħu mhux aktar minn 400 litri	2,2	p/st
8418 30 80	– – Li jesgħu aktar minn 400 litri iżda mhux aktar minn 800 litru	2,2	p/st
8418 40	**– Friżi tat-tip wieqaf, li jesgħu mhux aktar minn 900 litri:**		
8418 40 20	– – Li jesgħu mhux aktar minn 250 litri	2,2	p/st
8418 40 80	– – Li jesgħu aktar minn 250 litri iżda mhux aktar minn 900 litru	2,2	p/st
8418 50	**– Għamara oħra (sniedaq, armarji, bankijiet għall-wiri, vetrini u oħrajn tal-istess tip) għall-ħażna u għall-wiri, li jinkorporaw tagħmir ta' tkessiħ jew iffriżar:**		
	– – Vetrini u bankuni friġġ (li fihom unità ta' tkessiħ jew evaporaturi):		
8418 50 11	– – – Għal ħażna ta' ikel iffriżat	2,2	p/st
8418 50 19	– – – Oħrajn	2,2	p/st
8418 50 90	– – Għamara oħra ta' tkessiħ	2,2	p/st
	– Tagħmir ieħor ta' tkessiħ jew iffriżar; pompi tas-sħana:		
8418 61 00	**– – Pompi tas-sħana ħlief magni tal-arja kkondizzjonata tal-intestatura 8415**	2,2	—
8418 69 00	**– – Oħrajn**	2,2	—
	– Partijiet:		
8418 91 00	**– – Għamara maħsuba biex tilqa' fiha apparat għal tkessiħ jew iffriżar**	2,2	—
8418 99	**– – Oħrajn:**		
8418 99 10	– – – Evaporaturi u kondensaturi, ħlief dawk għar-refriġerejters tat-tip għad-dar	2,2	—
8418 99 90	– – – Oħrajn	2,2	—
8419	**Makkinarju, apparat għal impjant jew laboratorju, jissaħħan bl-elettriku jew le (ħlief fran, fuklari tal-bajla u apparat ieħor tal-intestatura 8514), għat-trattament ta' materjali bi proċess li jinvolvi bidla ta' temperatura bħal tisħin, tisjir, xiwi, iddistillar, rettifikar, sterelizzar, pastorizzar, tifwir, tnixxif, evaporar, vaporizzar, ikkondensar jew tibrid, ħlief makkinarju jew impjant ta' tip użat għal għanijiet domestiċi; ħiters tal-ilma istantanji jew ta' ħażna, mhux tal-elettriku:**		
	– Ħiters tal-ilma istantanji jew ta' ħażna, mhux tal-elettriku:		
8419 11 00	**– – Ħiters tal-ilma istantanji bil-gass**	2,6	—
8419 19 00	**– – Oħrajn**	2,6	—
8419 20 00	**– Sterelizzaturi mediċi, kirurġiċi jew ta' laboratorju**	Bla ħlas	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
	– Magni li jnixxfu:		
8419 31 00	**– – Għal prodotti agrikoli**	1,7	—
8419 32 00	**– – Għal għuda, polpa tal-karta, karta jew kartun**	1,7	—
8419 39 00	**– – Oħrajn**	1,7	—
8419 40 00	**– Impjant ta' distillar jew rettifikar**	1,7	—
8419 50	**– Unitajiet ta' trasferiment ta' sħana:**		
8419 50 20	– – Unitajiet ta' trasferiment ta' sħana magħmula mil-fluworopolimeri u b'bor tat-tubu tad-dħul u tal-ħruġ b'dijametru fuq ġewwa ta' 3 cm jew inqas	Bla ħlas	—
8419 50 80	– – Oħrajn	1,7	—
